# *BEST OF SALENTO*
# APULIA

**Grupp A: 30 t'April – 04 ta' Mejju** **Grupp B: 01 – 05 t'Ottubru**

**Lecce, Brindisi, Polignano Del Mare, Otranto, Ponte Ciolo, Capo di St Maria Di Leuca, Gallipoli, Porto Cesareo, Francavilla Fontana, Taranto. Monopoli**

**L-Erbgħa**

Fl'03.45 niltaqgħu l-ajruport Internazzjonali ta`Malta għat-titijira Malta Air FR7108 li ttir 05.45 lejn Bari Airport u naslu 07.05 Nitilqu bil -kowċ lejn **Salento** 'l belt sabiha ta` **Lecce** fir-regjun t`Apulia. Pero' qabel inżuru **Brindisi** fejn mal-leader inżuru ċ-ċentru storiku, l-katidral San Ġwann Battista, Corso Garibaldi, Kolonna Rumana, il-port, il-monument Ċivili Al Marinaio u Corso Roma. Wara nżuru **Polignano Del Mare**, mat-tour leader mixja panoramika madwar il-famużi "Terrazze" fejn naraw veduti tal-baħat Adrijatiku, l-irdumijiet, bini mżerżaq madwar sqaqien fiċ-ċentru storiku bi traċċi tal-passat Għarbi, Biżantin u Spanjol. Nkomplu bil-coach, nidħlu Lecce, sistemazzjoni tal-kmamar f'Hotel Tiziano 4 Star fiċ-ċentru u fl-għaxija l-ewwel ħarga mal-leader. Ċena fil-hotel

**Il-Ħamis**

Breakfast, wara nibdew **city tour** bil-mixi madwar Lecce mlaqqma Firenze Del Sud. Niskopru xogħol artistiku fil-Barokk tal-ġebla Leccese fil-Bażilika ta' Santa Croce, il-katidral- Knejjes San Matteo u Santa Chiara (dħul extra), Pjazza Sant'Oronzo, it-Teatru Ruman u Giardini Guzeppe Garibaldi. Wara nofs in-nħar bil-coach nitilqu lejn belt kostali mill-isbah: **Otranto**. Mal-leader niskopru l-isbaħ veduta tal-port min fuq Torre Matta tal-Kastell Aragonese, mixja tul il-Belvedere Bastioni u lungo mare, naslu ċ-ċentru storiku u nidħlu fil-Katidral seklu 12 iddedikat lil Santa Marija Annunzjata fejn naraw fin-Nava ċentrali l-famuza Muzajk "Siġra tal-Ħajja". Ritorn lejn Lecce.

**Il-Ġimgħa**

Vjaġġ mill-isbaħ lejn **Francavilla Fontana** magħrufa l-belt ta' l-Imperjali. Dawra familjari mal-leader fejn iżuru Via Roma, Villa Comunale, Porta Del Carmine, Torre del orologio, Piazza Umberto, Bazilika del Rosario u Castello Imperiali. Ħin liberu u wara nkomplu l-vjaġġ bil-coach lejn il-Belt kbira kostali mifruxa bejn żewġ portijiet Mare grande u Mare piccolo ta' **Taranto.** Mal-leader inżuru l-parti l-qadima tal-belt li tokkupa gżira żgħira fejn il-highlight huwa l-Cappellone ta' San Cataldo. Niskopru l-Lungo Mare, veduti sbieħ tal-Golf ta' Taranto, Kastell Aragonese, Ponte Girevole fil-kanal tan-navigazzjoni, Palazzo Governo u shopping ġo Via d'Aquino. Ritorn lejn Lecce u ħarġa oħra mal-leader.

**Is- Sibt**

Breakfast: Ġurnata mill-isbaħ. Eskursjoni lejn **Ponte Ciolo** waqfa biex napprezzaw din iż-żona għas-sbuħija ta' daħla dejqa kostali ta' pont t'interess storiku u ambjentali bil-preżenza ta' bosta għerien mal-baħar Adrijatiku. Inkomplu bil-coach biex nidħlu u nagħmlu waqfa **F'Capo di Santa Maia Di Lueca**, l-aktar ponta fl-għarqub Taljan t'isfel tal-Peniżola ta' Salento. Dawra mal-leader biex inżuru s-Santwarju, il-Ligħt-house, La Scalinata Monumentale u l-Kolonna Rumana. Bil-coach inkomplu lejn Lungomare Colombo biex ingawdu mixja mill-isbaħ bejn il-baħar Adrijatiku u Jonju. Ħin liberu u wara nkomplu bil-coach lejn il-peniżola ta' **Gallipoli**. Waqfa biex inżuru l-gżira storika fejn hemm il-Katidral ta' Sant Agata, Il-kastell Angioino, il-lungomare Marconi u ħin liberu Corso Roma. Inkompli aktar il-fuq bil-coach biex nitilqu lejn żona oħra sabiħa hdejn il-baħar Jonju **Porto Cesareo.** Ikollna ħin għall-mixja matul il-lungo-mare u l-port fejn fil-bogħod nammiraw l'ambjent ta' gżejjer żgħar.
Ritorn lejn Lecce: Hin liberu personali jew min irid dawra oħra fl-għaxija mal-leader fit-toroq Leccese.

**Il- Ħadd**

Wara l-breakfast Ngħabbu l-bagalji u nħallu Lecce u nibdew vjagg biex nesploraw il-Ġawhra Moħbija ta' Salento l-belt kostali fuq il-Baħar Adrijatiku **Monopoli**. Mal-leader mawra mill-isbaħ madwar high-lights tal belt bħal Piazza Vittorio Emanuele, Porto Vecchio, il-Katedral u ċ-Centru storiku. Ħin liberu u wara nkomplu l-aħħar vjaġġ lejn lejn l-ajruport ta' Bari biex naqbdu l-flight tal-Malta Air FR7107 li ttir fl-16.35 u naslu lura lejn Malta fil-17.55

**Prezz kull persuna jinkludi:**

- Titjira mall- Malta Air għal Bari
- Transfers u eskursjonijiet skont il-programm (Entraturi mhux inklużi)
- 4 iljieli f'Lecce. - Hotel Tiziano 4 Star
- Buffet breakfast
- Half Board
- Taxxi ta' l-ajruport
- Servizz ta' Tour-leader.
- Insolvency Protection.

City Tax mhux inkluża

**Prezz Kull Persuna**
**Eskursjonijiet, Half board u Taxxi**

| | **Prezz Skontat** |
|---|---|
| Kamra ta' żewġ persuni | €880 |
| Kamra ta' persuna waħda | €985 |
| Tfal sa 11il-sena f'kamra ma' żewġ adulti | €720 |

